kienu joħorġu biha minn San Ġorġ b'ħafna nies imdawrin miegħu u jduru r-Rabat għalkemm-il darba bih. Mal-Glorja jispara l-Kastell, toħroġ il-Quddiesa u jibda t-Tqarbin. F'din il-ġurnata ħafna nies jagħmlu l-preċett. Malli jisbaħ, għall-ħabta tas-sebgħa l-irġiel joħorġu biex jiltaqgħu mal-ħbieb u jagħtuhom il-Għid it-Tajjeb. In-nisa, mill-banda l-oħra, kollha bl-imħatra min jieħu l-isbaħ turtiera qassatat il-forn. F'xi rħula ta' Għawdex jużaw jagħmlu l-kagħak tal-għasel ukoll. Il-Għid jispiċċa bid-daqq tal-qniepen u jħalli warajh tifkira li ma tmut qatt: ir-Rebħa ta' Kristu fuq il-Mewt.

---

## KRONAKA TAL-GĦAQDA

### ŻEWĠ MEMBRI TAL-GĦAQDA REBBIEĦA F'KONKORS TEATRALI

Inħabbru bi pjaċir li s-Sur Ġużè Diacono u s-Sur Ġużè Chetcuti, żewġ membri tal-Għaqda, rebħu, l-ewwel wieħed it-tieni premju u t-tieni, it-tielet premju f'konkors ta' produzzjonijiet drammatiċi tat-Teatru Manoel; is-Sur Diacono bid-dramma "L-Ewwel Jien" u s-Sur Chetcuti bil-kummiedja soċjali "Il-Kerrejja". F'dan l-istess konkors is-Sur Chetcuti ssemma wkoll bħala l-ħames wieħed fost l-aħjar bid-dramm tiegħu "Via Crucis". Is-Sur Diacono, barra milli kittieb ta' proża narrativa u kritiku letterarju, huwa magħruf ukoll, u l-iktar, bħala kittieb drammatiku, kif uriena fl-ewwel xogħlijiet tiegħu tat-tliet atti uniċi "Salib Ħaddieħor", "L-Għarusa" u "Ir-Raġel li Kienet Tħobb", fejn wera xeħta ġdida ta' realiżmu artistiku għall-Palk Malti. F'"Salib Ħaddieħor", f'konkors ieħor, Diacono kien sebaq lil sħabu f'dik li hi arti teknika ġdida. Is-Sur Chetcuti, għalkemm l-iktar imsemmi bħala kittieb ta' versi liriċi mexxejja u ħelwin, kif ukoll dan l-aħħar ta' xi rumanzi u traduzzjonijiet ta' versi u proża mit-Taljan għall-Malti, jidher illi l-pinna tiegħu bdiet ukoll tingħażel fost oħrajn għall-produzzjonijiet drammatiċi, li tagħhom, huwa għandu ħażna ġmielha ta' xogħlijiet li għadhom manuskritti.

Għandna pjaċir inħabbru wkoll li żewġ membri oħra tagħna kisbu aktar minn 75 fil-mija tal-punti fl-istess konkors. Dawn huma s-Sur Joseph Vella Bondin bi "Imħabba qalb il-Qasab" u s-Sur Ġino Muscat Azzopardi bi "Il-Mera".

Lil dawn il-membri tagħna nifirħulhom bil-qalb kollha bit-tama li dina r-rebħa tagħhom fil-kamp tal-letteratura drammatika twassalhom biex bil-pinna għammiela tagħhom jiksbu isem sabiħ f'xogħlijiet oħra li bihom nittamaw li l-Palk Malti jibqa' dejjem iżid fil-progress u ġieħ ta' l-Arti Drammatika.



## QRIB IL-PORT

*Ta'* PATRI VALENT V. BARBARA, O.P.

Il-bieraħ, meta rajtek b'wiċċek sfajjar
fl-uġigħ li qed jifnik irqiq irqiq,
u rajt l-istar fuq rasek qed jittajjar
bħal ruħ li trid tintrefa' mill-għammieq

ta' dan il-wied tad-dmugħ, qalbi ħebritni
li se tkun l-aħħar darba li ltqajt miegħek;
u f'sidri diqa ta' bla tarf għafsitni,
u xtaqt li ruħi tidħol fir-ruħ tiegħek

biex lejn is-sema t-tnejn flimkien nittajru,
żewġt erwieħ safja, ħielsa minn ġisimna,
fi triq l-eternità, nofroq l-ajru,
b'inkejja ta' min fl-art ma riedx jifhimna.

Jaħasra, naf: jeħtieġ dit-triq timxiha
waħdek għalissa; qawwi qalbek, mur
bis-sliema lejn il-port: dalwaqt is-siegħa
li ruħek bl-għaxqa t'Alla tibda tfur;

għax naf li f'sidrek tħabbat qalb bla ħjiena,
għalkemm pinġewk b'ilwien l-aktar mudlama,
u naf li 'l ruħek, kif għallimtek jiena,
għanejtha bid-deh'b fin ta' l-eqdes Tama.

U meta tkun hemm fuq, Teżor, stennieni:
oh! għad niltaqgħu, ħi, ma tafx kemm kmieni!

Għax anki jiena ħajti qed titqassar
mill-ġerħa li l-ġewwieni qiegħda tħassar.

---

NOTA TA' L-EDITUR: Xtaqna ngħaqqdu din il-poeżija ma' seħbitha li dehret fin-Nru. ta' Marzu, 1961, bħalma xtaq l-A., iżda kellna nħalluha għal dan in-Nru. minħabba nuqqas ta' wisa'.